**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Mario Muscat ta' 16-il sena bin Emanuel u Bernarda k/a Ganna nee` Galea li joqghod 'Berim', Triq tal-Masri, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 14585 (G)**

Illum 22 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar fit-3 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-10:45 p.m. fix-Xaghra u cioe` fi Triq San Guzepp saq vettura Lambretta bin-numru tar-registrazzjoni FBC 774 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku ta' Malta u ghalhekk jigi li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni u aktar talli ppermetta persuna mhux maghrufa li tirkeb pillion minghajr crash helmet.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (A) tal-Kap 65, 3 tal-Kap 104 u l-AL 53 tal-1983;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien ghadu minorenni fi zmien tal-kommessjoni tar-rejat tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tieni akkuza u t-tielet akkuzi.

Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur